**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 2.08.09: IT-TMINTAX-IL ĦADD TAS-SENA.**
**IT-TNEJN, 3.08.09:** l-Ewwel Tnejn tax-Xahar
**IT-TLIETA, 4.08.09:** Tifkira tal-150 sena mill-mewt ta' San Gwann Marija Vianney, patrun tal-Kappillani.
**IL-ĦAMIS, 6.08.09: FESTA TAT-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ**
L-EWWEL ĦAMIS TAX-XAHAR
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar
**Fis-7.00p.m**. konċelebrazzjoni bit talb tas-salmi, li fiha s-saċerdoti jfakkru l-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom u t-twaqqif ta' l-Ewkaristija.
**IL-ĠIMGĦA, 7.08.09:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00 sal-11.00a.m. u mit-3.30p.m. 'l quddiem.
Nirrikmandalkom ħafna li nsibu mumenti għat-talb quddiem Ġesu' Ewkaristija.
**Fit-8.15p.m.** Quddiesa ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar għall-Professjonisti fil-knisja ta' Santu Wistin.
**Fid-9.00p.m.** Lejl ta' Talb u Avventura organizzat mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Iktar informazzjoni Mobile 99228918
**IL-ĦADD, 9.08.09:** ID-DSATAX IL-ĦADD TAS-SENA.

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL MALTA.

Se jsir Pellegrinaġġ Djoċesan għal parroċċa ta' Ħad-Dingli Malta, nhar it-Tlieta 18 ta' Awissu . Nitilqu mal-vapur tal-5.15p.m. u nirritornaw mal-vapor tal-10.15p.m.
Dawk li jixtiequ jieħdu sehem huma mitluba biex jaħsbu għall-biljetti mill-uffiċċju parrokkjali, mhux ktar tard mill-Ħadd, 16 ta' Awissu.

## RINGRAZZJAMENT WARA L-FESTA

Naħseb li l-kummenti li kien hemm wara li għaddiet il-festa, huma biżżejjed biex jagħtu ċertifikat lill-festa li kellna. Kien hemm kliem ta' tifħir minn kulħadd. Kellna organizzazzjoni li kont tħossha f'kull aspett. L-ispirtu ta' kollaborazzjoni u ftehim bejn il-kumitati kollha tal-festa kien jidher f'kollox.
Dan u ħafna affarijiet oħra għamel mill-festa tagħna verament festa. Festa li tagħti pjaċir.
Kien hemm persuni li mpenjaw ħafna ħin biex joffru festa ta' ferħ lill-komunita' tal-parroċċa, lill-emigranti u anke lil dawk kollha li b'xi mod isegwu l-festa tagħna. Dawn huma persuni nvoluti fil-ġbir għall-festa, fl-armar, fil-logħob tan-nar, fit-tiġrija tal-bhejjem, fl-ikla, fil-pubblikazzjonijiet, fis-serati kulturali, fl-armar tal-knisja, fil-Kor, fil-Banda, u fix-xandir bir-Radju tal-komunita' li tant kien apprezzat mill-morda u mill-emigranti tagħna, u fuq kollox il-Presbiterju tagħna u l-Kunsill Parrokkjali għat-tfassil u t-twettiq tal-programm.Grazzi mill-qalb lil kull minn b'xi mod jew ieħor ta s-sehem tiegħu biex nifirħu flimkien u nferrħu lill-oħrajn.

**FR. JOHN MUSCAT jirringrazzja**
Lil kulħadd speċjalment lil dawk li qasmu l-ferħ miegħu fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni tiegħu. L-offerti se jingħataw lill-Ordni tal-Qabar ta' Kristu biex jgħin lill-insara fl-Art Imqaddsa.

**OFFERTI GĦALL-KARITA'**
Fl-okkażjoni tal-Festa l-parroċċa għamlet dawn l-offerti għall-karita':
**€500** fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' l-Isqof Mario Grech.
**€150** lill-fondazzjoni Arka

## DVD TAL-FESTA.

Lestejna kopji tad-DVD tal-Festa 2009. Dawk li jixtiequ kopja għalihom jew biex jibgħatuha lill-Emigranti jiġu fl-uffiċċju parrokkjali.